A.L. 131 ta' l-2008

ATT DWAR L-AKKWIST TA' PROPRJETÀ IMMOBBLI MINN PERSUNI MHUX RESIDENTI (KAP. 246)

Ordni ta' l-2008 dwar Kempinski Residences, San Lawrenz, Għawdex, bħala Żona Speċjali Msemmija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 2 u 8 ta' l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni ta' l-2008 dwar Kempinski Residences, San Lawrenz, Għawdex bħala Żona Speċjali Msemmija.


Tismija ta' Żona Speċjali.

2. Is-sit Kempinski Residences, San Lawrenz, Għawdex li jikkonsisti fi proprjetà immobbli sitwata fiż-żona delineata bl-aħmar fil-Pjanta tar-Reġistru ta' l-Artijiet annessa ma' dan l-Ordni, hija b'dan imsemmija bħala Żona Speċjali Msemmija għall-finijiet ta' l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti.

Żjieda ma' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att.

3. Iż-Żona Kempinski Residences, San Lawrenz, Għawdex għandha tiżdied mal-Lista ta' Żoni Skedati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti.

B 2028


90500
90400
90300
90200
90100
90000
28500
28600
28700
28800
Il-Wilga ta' Ġidrin
Tal-Ġidi
Il-Mendbin
Triq Ġuno
Triq tal-Marġ